Saint Peter's, Zabbar

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 98**

**L-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews – Membru

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Nicholas Azzopardi – Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa.

**98.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

98.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Nicholas Azzopardi li jinsab imsiefer u għalhekk ġie kkunsidrat skużat.

**98.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

98.2.1 Il-minuti tas-96 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

**98.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

98.3.1 Is-Sur Bartolo qal li it-talba biex issir laqgħa mal-Onor. Silvio Parnis ma intlaqatx. Dan minħabba il-ħafna impenji li għandu l-Onor. Parnis. Għalhekk ġejna mitluba li nibgħatu l-punti tagħna lil Mario Fava l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

98.3.2 Is-Sur Mario Bartolo qal li hemm bżonn nagħmlu laqgħa ma' xi ħadd minn Transport Malta dwar it-talbiet ta' sleeping police li għandna fi Triq l-Għakrux u Triq San Leonardu kif ukoll dwar it-talba tal-Bus Shelter. Dawn it-talbiex ilhom żmien twil li saru pero bqajna bla risposta. Għalhekk sar qbil li nibgħatu talba biex niltaqgħu mas-Sur Charles Muscat mil-aktar fis.

Is-Sur Bartolo qal li l-Bus Shelter ilna li tlabnih –il fuq minn sentejn ilu pero qed jgħidulna li għadu ma sarx it-tender. Sar qbil biex inġibu stima ta' kemm jiswa Bus Shelter biex jekk hemm l-approvazzjoni dan ikun jista jsir mil-Kumitat Amministrattiv.

98.3.3 Is-Sur Bartolo qal li dwar l-ilmenti ta' dlam fi Triq J.G Baldacchino ġibna stima mingħand in-Nexos u din bl-arblu u l-lampa b'kollox ser tiġi tiswa madwar €800. Il-Kumitat qabel unanimament li ssir.

98.3.4 Is-Sur Bartolo qal li fi Triq l-Għakrux hemm siġra ħierġa l-barra tal-ħarrub u tajjeb li inkellmu lill-ELC biex jiżbruha.

98.3.5 Is-Sur Bartolo qal li x-xogħol tal-qasab ta' Triq il-Farfett tal-Fejġel miexi sew.

98.3.6 Is-Sur Bartolo qal li għandna bżonn bin tal-ħmieġ tal-klieb u għalhekk naraw jekk huwiex ideali li nixtruhom lesti jew li naħdmuhom.

98.3.7 Is-Sur Chairman fakkar lil sħabu li għandna wiegħda minn l-eks Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo li ser itina €3,000 biex isiru fuq xogħol infrastrutturali. Dawn il-fondi għadna ma ħadnihomx u għalhekk naraw kif nistgħu neħduhom. Għalhekk is-Sur Bartolo ippropona li nitolbu laqgħa mal-Onor Silvio Parnis li issa jinsab flok l-Onor Stefan Buontempo biex inkellmuh fuq dawn il-fondi u fuq problemi oħra li niffaċċjaw bħala Kumitat Amministrattiv.

98.3.8Is-Sur Bartolo qal li fi Triq l-Għakrux kantuniera Triq Sebellita qed jipparkjaw fuq il-bankina minkejja li għamilna qsari kbar. Xi ħadd qiegħed iressaq il-qsari tali mod biex ikun jista jipparkja fuq il-bankina. Il-Kumitat qabel li nitolbu għal sign no Parking on pavement.

**98.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;**

98.4.1 Is-Sur Farrugia qal li il-mera ta' Triq iż-Żarun saret u ġiet tajba ħafna.

98.4.2 Is-Sur Luciano Farrugia qal li għandna problema kbira ta' parking bl-addoċċ u għalhekk tajjeb li inkellmu lil wardens biex isir aktar infurzar għal dan l-abbuż.

98.4.3 Is-Sur Farrugia ippropona li issa li għandna l-istemma uffiċjali tajjeb li nagħmlu tabelli ta' merħba fl-Area St. Peter ġodda. Kulħadd qabel ma din il-proposta u sar qbil li nitolbu għal stimi biex isiru waħda fuq it-traffic island fi Triq l-Għakrux u oħra fejn iċ-ċimiterju Triq San Leonardu.

**98.5 Rapporti Finanzjarji**

98.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u spjega ir-rapporti finanzjarji tat- tlett kwarti ta' sena li għaddew u dawn ġew approvati unanimament.

**98.6 Mozzjonijiet**

98.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**98.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

98.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die minħabba li ġejjin il-festi u mhux kulħadd ser ikun jista.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-99 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Jannar, 2018.

IFFIRMATA

Mario Bartolo
*Chairperson*